

Brussell, 15 ta' Ġunju 2026  
(OR. en)

10489/26  
ADD 2

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2025/0555 (COD)

---

---

COMPET 763	ECOFIN 809
IND 412	COH 115
MI 628	INDEF 124
CADREFIN 289	CULT 85
FIN 873	CYBER 289
RECH 280	JAI 819
ESPACE 101	DIGIT 163
CONSOM 193	DATAPROTECT 198
DUAL USE 47	FREMP 208
EDUC 269	RELEX 831
TELECOM 316	COPS 347
ENER 396	UD 180
ENV 724	AUDIO 84
CLIMA 328	PROCIV 129
AGRI 494	IPCR 64
TRANS 419	MAP 127
SAN 476	FISC 220
PHARM 106	CODEC 1164
BIOTECH 80	IA 164
POLMIL 237	CSC 401
POLGEN 167	

#### NOTA

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Kunsill

---

Suġġett: Regolament li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Kompetittività (FEK),  
inkluż programm speċifiku għar-riċerka u l-innovazzjoni fid-difiża  
- *Approċċ ġenerali parzjali*  
= Dikjarazzjoni konġunta mill-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja u l-Polonja

---

L-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja u l-Polonja talbu li d-dikjarazzjoni li ġejja tiddaħħal fil-minuti tal-Kunsill.

## **Dikjarazzjoni konġunta mill-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja u l-Polonja**

### **Regolament li jstabilixxi l-Fond Ewropew għall-Kompetittività (FEK), inkluż programm speċifiku għar-riċerka u l-innovazzjoni fid-difiża**

*Għandha tiġi meħmuża mal-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Affarijiet Ġenerali*

Nappoġġaw l-oġġettivi tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività (FEK) bl-ambizzjoni li jissaħħu r-reżiljenza, is-sigurtà u l-kompetittività madwar l-Unjoni. Fl-istess waqt, inqisu li l-Fond għandu jiġi jitħejja b'mod adegwat biex iwieġeb għar-realtajiet tas-sigurtà u dawk ekonomiċi li qed jevolvu fl-Unjoni.

Il-kuntest ġeopolitiku, b'mod partikolari il-gwerra ta' aggressjoni fuq skala sħiħa tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-attakki ibridi persistenti madwar l-Unjoni, urew li n-networks tal-enerġija u tal-komunikazzjoni huma komponenti essenzjali tal-arkitettura tal-kompetittività u tas-sigurtà tal-Ewropa. Inċidenti reċenti partikolarment fl-Istati Membri mal-fruntiera tal-Lvant tal-Unjoni kixfu wkoll vulnerabbiltajiet fl-infrastruttura kritika u fil-ktajjen tal-provvista, li ssottolinjaw l-ħtieġa għal appoġġ Ewropew b'saħħtu għat-tħejjija, il-kapaċitajiet ta' rkupru u r-riżervi strateġiċi. B'mod aktar wiesgħa, l-ambjent tas-sigurtà li qed jiddeterjora jaffettwa wkoll r-reżiljenza ekonomika u l-kompetittività billi jżid ir-riskji għall-investment, jgħolli l-kostijiet tal-finanzjament u jdgħajjed il-prospetti tat-ktabbir fir-reġjuni l-aktar esposti għat-theddid tas-sigurtà u dawk militari, kif issottolinjat fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-reġjuni tal-Lvant tal-UE li jmissu mar-Russja, il-Belarussja u l-Ukrajna (COM (2026) 82) u nnota debitament fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tad-19 ta' Marzu 2026.

F'dan l-isfond, nqisu li huwa importanti li l-qafas tal-FEK:

1. għandu jipprovdi rikonoxximent aktar ċar u aktar operazzjonali tal-infrastruttura kritika;
2. għandu jirrifletti b'mod adegwat il-parti operattiva tar-Regolament sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali xprunati minn riskji ġeopolitiċi persistenti, b'mod partikolari fir-reġjuni tal-fruntiera tal-Lvant tal-UE li jiffaċċjaw primjums tar-riskju strutturalment oġhla u kundizzjonijiet ta' investiment aktar dgħajfa;
3. għandu jirrikonoxxi b'mod xieraq ir-reġjuni esposti għal pressjoni ġeopolitika fit-tul, inkluż ir-reġjuni tal-fruntiera tal-Lvant tal-UE, flimkien ma' territorji oħra żvantaġġati strutturalment.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, nistgħu, f'dan l-istadju, nappoġġaw l-Approċċ Ġenerali Parzjali għall-FEK, bl-aspettattiva ċara li l-elementi ewlenin ta' hawn fuq ser jiġu riflessi kif xieraq fit-test ta' kompromess finali.